MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. NEVILLE CAMILLERI

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2014

Numru. 5/2014

Il-**Pulizija**

**(Spettur Frank Anthony Tabone)**

**vs.**

**Samuel Spiteri**

Numru 5/2014

Illum 26 ta' Marzu 2014

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Samuel Spiteri**, ta' disgha u ghoxrin (29) sena, iben John Baptist u Kristina neé Calleja, imwieled Victoria, Ghawdex, nhar id-19 ta' Mejju 1984, u residenti fil-fond ChrisJohn, Triq l-10 ta' Marzu 1885, Kercem, Ghawdex, u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 21184(G), akkuzat talli fil-lejl ta' bejn l-4 u l-5 ta' Mejju 2013 gewwa l-Gharb, fl-Gharb, u f'postijiet ohra gewwa dawn il-Gzejjer, hekk ghall-habta ta' nofsillejl (00:00hrs):

1. kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta kannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u l-pjanta kannabis kollha, jew bicca minnha u dan bi ksur tal-Artikoli 8(a) u 8 (d) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. fl-istess data, hin, lok u cirkustanzi sar recediv b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Ghawdex) nhar l-24 ta' April 2013, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mhassra jew mibdula.

Il-Qorti giet ukoll mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skont il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Rat l-ordni tal-Avukat Generali *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta).

Semghet, fis-seduta tallum, lill-Prosekuzzjoni tiddikjara li ma kienetx qed tinsisti ghat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkunsidra l-pozizzjoni tieghu.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat ammetta l-ewwel (1) imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Illi, meta tigi biex tikkunsidra l-piena li ghandha tigi nflitta fil-konfront tal-imputat, il-Qorti ser tiehu in kunsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: in-natura tal-ewwel (1) imputazjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, l-ammissjoni bikrija tieghu u l-fedina penali tieghu (Dok. "B").

Ghaldaqstant il-Qorti, filwaqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tat-tieni (2) imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat, wara li rat Artikoli 8(a), 8(d), 22(1)(a) u 22(2)(b)(ii) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta u Regolament 9 tal-Legislazzjoni Sussidjarja 101.02, issib lill-imputat Samuel Spiteri hati tal-ewwel (1) imputazzjoni migjuba kontra tieghu izda fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet hawn fuq maghmula u b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti qed tillibera lill-imputat bil-kundizzjoni li ma jikkommettiex reat iehor fi zmien sena mil-lum.

Il-Qorti twissi lill-hati bil-konsegwenzi skont il-Ligi jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perijodu ta' liberta' kundizzjonata.

Il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita u mmarkata bhala Dok. "G" taħt il-ħarsien tar-Registratur.

Finalment, il-Qorti tichad it-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex l-imputat jigi ordnat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta *stante* li ma gewx imqabbda l-ebda esperti f'dawn il-proceduri.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------